**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 610/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Supt. Grazielle Muscat)**

**(Supt. Robert Vella)**

**-Vs-**

**ELTON BUCKINGHAM**

**Illum, 13 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ELTON BUCKINGHAM** ta' 47 sena, imwieled ġewwa San Ġiljan, nhar is-16 ta' Novembru 1975, iben David u Maria Lourdes xebba Frendo, residenti 352, Sunshine, Triq il-Linja, Attard u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 529775(M), li ġie akkużat talli nhar it-18 ta' Awwissu 2022, bejn is-18:00hrs u d-21:00hrs, fi Triq il-Linja u Triq Dun Mikiel Xerri ġewwa Ħ'Attard u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Viviane Oliviera Drummond, hekk kif iċċertifikat minn Dr Marika Axisa MD (Reġ.No:6441) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkawża lil Viviane Oliviera Drummond biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet ;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebb għal Viviane Oliviera Drummond sabiex jinġurjaha, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, insulenta, inġurja jew hedded bi kliem jew b'mod ieħor lil Viviane Oliviera Drummond;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala Uffiċjal Pubbliku jew Impjegat Pubbliku, għamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Viviane Oliviera Drummond ID:286659M u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mal-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Novembru 2023 li ddikjarat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Ġunju 2023 bħala nulla u rrinvijat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant ossia l-imputat odjern, jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi;

Rat id-digriet mogħti mis-S.T.O il-Prim'Imħallef fl-1 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu assenja l-kawża lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Jannar 2024 fejn appuntat il-kawża għas-smigħ għall-25 ta' Jannar 2024;

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-difiza jiddikjaraw li qegħdin jeżentaw lill-Qorti kif illum preseduta milli terġa' tisma' x-xhieda u l-provi miġjuba s'issa f'dan il-każ ;

---

[1] Paġna 5 tal-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet kollha preżenti jiddikjaraw li m'għandhomx iktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li saru bil-fomm nhar it-23 ta' April 2023 liema sottomissjonijiet huma debitament traskritti;

Semgħet lill-partijiet jaqblu wkoll illi l-kawża titħalla għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-proceduri inkluż it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugħa quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta u l-provi u dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ jikkonċerna inċident li seħħ fit-18 ta' Awwissu 2022 meta Viviane Oliveria Drummond, ammessa bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri, kienet qed timxi bil-kelb tagħha quddiem ir-residenza tal-imputat u nqala' diżgwid ma' mart l-imputat dwar il-ħmieġ tal-kelb li baqa' ma ngabarx, liema inċident imbagħad eskala u l-imputat allegatament aggredixxa lill-parti offiża u b'konsegwenza, hija ġarrbet xi ġrieħi.

Hu minnufih ovvju li d-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat għar-reati li jinsab mixli bihom, tistrieħ fuq evalwazzjoni tal-kredibbilita' tal-verżjoni tal-parti offiża fuq in-naħa l-waħda, u l-verżjoni tal-imputat u x-xhieda tiegħu fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk il-Qorti sejra tirriproduċi s-sostanza tax-xhieda tal-partijiet u x-xiehda tagħhom safejn huma rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-każ, kif ukoll il-verżjonijiet kif ġew rapportati lill-Pulizija, sabiex tistħarreġ u twieżen il-konsistenza u l-aspetti rilevanti tal-verżjonijiet rispettivi, u sabiex tiddeċiedi liema waħda għandha mis-sewwa u ma tħallix dubju dettat mir-raġuni dwar il-veraċita' tagħha.

Fil-fatt, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu. Kif inhu risaput, is-sistema ġuridiku tagħna jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun imnissla minn eżami sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla livell ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[2], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[3].

---

[2] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

[3] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[4]

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-każ partikolari, il-Qorti trid tara wkoll jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk,*

[4] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

*applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[5]

**Viviane Oliveira Drummond** xehdet[6] illi fit-18 t'Awissu 2022 għal xi 7pm ħarġet bil-kelb u għaddiet mill-istess rotta kif tagħmel ta' kuljum f'Attard. Kif waslet fi Triq il-Linja il-kelb tagħha għamel il-bżonnijiet tiegħu iżda billi kien maħlul ma setgħetx tiġbru għalkemm fuqha kellha l-borża apposta. Għalhekk baqgħet miexja u x'ħin daret għal Triq Mikiel Scerri biex tmur lejn darha semgħet għajjat ta' mara u sabet mara rrabjata ħafna "*yelling, yelling and said bad words to me ... fuck you, fuck you mother, fuck your family. You're a bitch… I turn around again to go home and I walk and then I felt a push in my shoulder… seconds ... on my shoulder behind…*". Daret u wissietha ma tmissiex iżda din kompliet bl-għajjat u għalhekk reġgħet daret biex tkompli fi triqitha.

Meta mxiet ftit 'il quddiem "*I heard a man's voice and then I turn around to see and there is a man behind me yelling and speaking in a language, I feel the same language the woman, I didn't understand the language. And he is telling me also bad words ... The same, you are a bitch, fuck you the same bad language. ... This woman pushed me. And he continue yelling so I turn around again to go home to make my way. Then I felt a hit here in my bottom ....*". Kif daret lemħet lir-raġel qed iniżżel saqajh u b'hekk indunat li kien hu li taha daqqa ta' sieq. Mistoqsija kienitx il-mara li tatha id-daqqa, wieġbet: "*No absolutely not the woman was far away from me*" iżda r-raġel kien "*very close*". Dak il-ħin dahret lejh u staqsietu "*Are you crazy? And he continue*

[5] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[6] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2022.

*yelling and I turn around to go home. I am alone I don't want to stay there sorry ... I turn around to go home again and then I felt a very hard punch*", bix-xhud tindika li d-daqqa li ħasset kienet waħda bil-ponn fuq il-parti laterali tal-lemin tan-naħa t'isfel ta' għonqha. Kien hemm li bid-daqqa waqalha in-nuċċali u niżlet biex ġabritu u fl-istess ħin wissietu li ser ċċempel lill-pulizija. Meta qalet hekk avviċina lill-mara u telqu minn fuq il-post.

Peress li riedet iżżomm xi prova għall-Pulizija, il-parti offiża reġġħet daret u x'ħin wasslet fil-post fejn il-kelb kien ħammeġ, rat lill-imputat fil-vettura li kienet wieqfa nofsha fuq il-bankina u nofsha fit-triq kif jixhed ir-ritratt meħud minnha[7]. Biex tieħu ritratt tan-number plate marret wara l-vettura fin-naħa ta' fuq tar-rampa u hekk kif qed tieħu ritratt tal-pjanċa, rat ir-*reverse lights* tal-vettura jinxtegħlu u l-vettura instaqet fid-direzzjoni tagħha. Għalhekk ħarġet minn warajha hekk kif l-imputat saq l'hemm lejn il-pont li jinsab fi Triq il-Linja, Ħ'Attard.

Wara, ċemplet lill-żewġha u fuq struzzjonijiet mill-Pulizija marret il-Polyclinic tal-Mosta u wara baqgħu sejrin jagħmlu rapport l-Għassa ta' Birkirkara. Xehdet li l-akkadut ħalliha imbeżża' tant li ma għadhiex tieħu l-istess rotta meta toħroġ bil-kelb għaliex tibża' li terġa' tiltaqa' mal-koppja. Minn fuq il-pedana tax-xhieda l-parti offiża identifikat lill-imputat bħala l-raġel li aggrediha.

In kontro-eżami Viviane Oliveira Drummond tikkonferma li meta l-mara, mart l-imputat, bdiet tgħajjat magħha u tinsulentaha, hi għajjritha lura bl-Ingliż bl-istess kliem li użat l-mara fil-konfront tagħha iżda innegat kategorikament illi l-kelb tagħha seta' gidem lill-mara jew weġġagħha u qalet li ma rat ebda demm. Sostniet ukoll kategorikament illi l-mara qed tigdeb meta tgħid li l-kelb tagħha weġġagħha ("*She is lying*") u ċaħdet li rat xi dmija fuq subgħajha. Insistiet "*My dog didn't bite her*". Għalkemm tbenġil ma kellhiex, baqgħet tħoss uġigħ fuq in-naħa ta' wara tal-għonq lejn il-lemin tax-xedaq.

---

[7] Dok. GM.

**Meta kienet irrapportat l-inċident lill-Pulizija** ftit tal-ħin biss wara li kien ġara, fit-18 ta' Awwissu 2022 fl-10.30 p.m., Viviane Oliveira Drummond qalet li mara ġiet tiġri warajha, bdiet tgħajjat f'wiċċha b'lingwa li għall-ewwel ma fehmietx, iżda li wara ndunat li kienet qed titkellem dwar il-ħmieġ li ħalla l-kelb tagħha, liema ħmieġ ma kienx f'forma li seta' jinġabar. Kien hawn li l-istess mara bdiet toffendiha bi kliem "*fuck you, fuck your mum, fuck your dad, fuck your entire family*". Irrapportat li kif rat hekk bdiet miexja fid-direzzjoni opposta iżda l-mara reġgħet marret għal warajha u mbuttata minn wara, fejn Drummond dahret lejha u qaltilha ma terġax tmissha. Reġgħet kompliet fi triqtha meta "*I heard the voice of a man. I looked back and noticed a man. He started to speak in a language I did not understand. I told him your wife touched me and then he started to say bad words to me in the English language like fuck you, you bitch and other bad words in English. I tried again to leave from there and then I felt someone hitting me in the bottom area. I turned and I noticed that the man, that at the time was the only one near me, had kicked me with his foot. I told him 'your crazy' and I turned to walk again and he punched me in the back of the neck area. When this man punched me in the back of my neck my optical glasses fell from my face. Then I told both of them that I will call the police and they left*." Wara ftit minuti marret lura fuq il-post biex tara fejn joqħgodu l-persuni li ħebbew għaliha u rat karozza ħierġa minn ġol-garaxx u ħadet ritratt tal-ġenb tal-karozza fejn ix-xufier kien l-istess raġel li kien ħebb għaliha u rat l-istess mara dieħla fil-karozza. Ipprovat tieħu ritratt tan-naħa ta' wara tal-karozza meta kienet wieqfa iżda kif daħlet wara l-karozza x-xufier fil-pront irriversja lura biex jolqotha bil-karozza iżda rnexxielha tieħu ritratt tan-number plate, DEN424[8]. Wara, ċemplet lill-żewġha li ġabarha minn fuq il-post u marret il-Policlinic tal-Mosta.

**L-istess verżjoni l-parti offiża tatha wkoll lill-Ispettur Jessica Bezzina** l-għada 19 ta' Awwissu 2022 meta bagħtet għaliha in konnessjoni mar-rapport li kienet għamlet il-ġurnata ta' qabel. Mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Bezzina, jirriżulta li Viviane Oliveira Drummond irrapportatilha li kienet miexja bil-kelb tagħha ġewwa Triq il-

[8] Il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DEN-424 hija reġistrata f'isem l-imputat Elton Buckingham (Xhieda Dr Chris Spiteri, u Dok. TM).

Linja, Ħ'Attard fejn il-kelb għamel il-bżonnijiet tiegħu iżda ma setgħetx tiġbru u baqgħet miexja, meta f'daqqa waħda semgħet lil xi ħadd jiġri warajha u rat mara li bdiet tkellimha b'mod aġitat u għalkemm ma fehmitx il-kliem li bdiet tgħid, fehmet li bdiet tirreferi għall-ħmieġ tal-kelb tagħha fejn qaltilha li ma setgħetx tiġbru. Din il-mara imbottatha iżda ma waqgħetx fl-art. Kompliet miexja u tisma' leħen ta' raġel fejn hi daret u r-raġel beda jgħidilha xi kliem ħażin bl-ingliż fosthom "*fuck you*" u "*you are a bitch*" u reġgħet daret biex tkompli miexja u fil-pront ħasset daqqa fuq il-warrani tagħha. Dak il-ħin rat li r-raġel kien l-unika persuna viċin tagħha u l-mara kienet iktar 'il bogħod minnu u għalhekk qalet li kienet ċerta li kien ir-raġel li taha d-daqqa. Meta reġgħet daret biex titlaq ħasset daqqa ta' ponn b'saħħitha fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha u tant kienet b'saħħitha d-daqqa li waqagħlha n-nuċċali tal-viżta mal-art. Qalet li kienet ċerta li d-daqqa fuq l-għonq ukoll tahielha r-raġel għaliex meta daret biex tħares kien qrib tagħha b'mod li seta' jilħaqha. Hemmhekk qaltlu li kienet sejra ċċempel lill-Pulizija u l-mara u r-raġel telqu. Imbagħad qalet li mxiet warajhom fit-triq fejn il-kelb kien għamel il-bżonnijiet tiegħu biex tkun taf fejn joqogħdu u biex teħodilhom ritratt u rat ir-raġel fil-karozza li kienet wieqfa fid-driveway. Hemmhekk marret wara l-karozza tiegħu biex tieħu ritratti tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-karozza izda kif kienet wara l-karozza rat ir-*reverse lights* jixegħlu u l-karozza bdiet miexja lura fid-direzzjoni tagħha u bdiet tibża' li x-xufier kien ser jirriversja għal fuqha. Imbagħad il-koppja telqet bil-karozza fejn ċemplet lir-raġel tagħha biex jiġi għaliha u marru flimkien iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

**L-Ispettur Jessica Bezzina** xehdet[9]: "*... meta ġiet tkellimni ġewwa l-uffiċċju tiegħu kienet tidher imbeżża' ħafna u kienet qaltli jiġifieri li kienet qed tibża' li dan il-persuna ħa jagħmlilha xi ħaġa peress li kellha l-biża' li seta' joqgħod fil-viċin għax hi toqgħod f'dawk il-viċinanzi...*" Xehdet ukoll li l-kwerelanti dak il-ħin qaltilha li kellha uġigħ f'għonqha u ppontat lejn il-parti tal-għonq li l-Qorti kif preseduta dakinhar osservat illi kienet l-istess mossa li kienet għamlet Dr. Marica Axisa waqt id-depożizzjoni tagħha.

[9] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2022.

**Pedro Overbeck Mendonca**, ir-raġel tal-parti offiża, xehed[10] illi kien id-dar meta martu ċemplitlu tibki u mwerwra għaliex kienet għada kemm ġiet aggredita minn raġel. Mar għaliha bil-karozza u qabel ma ħareġ qal lill-binthom iċċempel lill-pulizija. Kif ġabar lill-martu għaddew sad-dar biex iġġib xi dokumenti w ġie rakkomandat lilhom sabiex l-ewwel tiġi eżaminata w għalhekk marru l-Policlinic tal-Mosta. Wara sar rapport l-għassa ta' Birkirkara. Dwar martu jgħid li l-akkadut ħalliha mwerwra fis-sens li ma tridx tibqa waħedha "It's something really difficult for us".

L-imputat, Elton Buckinghm u martu Denise Buckingham, irrapportaw ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fid-19 ta' Awwissu 2022 (9/POL/5388/2022).

**Denise Buckingham** irrapportat li fit-18 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tat-8.00 p.m. meta kienet barra l-garaxx li jiġi biswit ir-residenza tagħhom, għaddiet mara bil-kelb u l-kelb ħammeġ il-bankina. Għalkemm ġibdet l-attenzjoni tal-mara bil-kelb biex tiġbor il-ħmieġ tal-kelb tagħha mill-bankina quddiem ir-residenza tagħhom, din il-mara baqgħet sejra u hi mxiet żewġ passi warajha u reġgħet għajtitilha biex timsaħ il-ħmieġ iżda baqgħet tinjoraha. Irrapportat ukoll illi dak il-ħin ġew f'konfront u l-mara l-oħra telgħetilha subajgħa tan-nofs u għajritha bl-Ingliż, bdiet tkeskes lill-kelb tagħha u l-kelb ġie għaliha fejn dak il-ħin subagħjha bdew juġgħuha. Għalkemm inizzjalment kienet stqarret li subagħjha bdew juġgħuha wara li l-kwerelanti keskitilha l-kelb, stqarret ukoll li ma tafx eżatt x'għamel il-kelb u ma ħaristx lejn il-kelb u ma tafx eżatt x'kien ġara. Il-mara l-oħra tgħajjat mar-raġel tagħha li sadanittant kien ġie ħdejhom u bdiet tieħu ritratti bil-mobile tal-karozza tagħhom fejn kien it-tifel ġewwa.

Meta ġiet interrogata minn PS 918 C. Azzopardi fis-26 ta' Awwissu 2022 in konnessjoni mar-rapport li sar minn Viviana Oliviera Drummond (9/POL/5380/2022), Denise Buckingham allegat illi wara l-kommossjoni li nqalgħet mal-kwerelanti, kellha tbenġila u demm ħiereġ minn żewġ swaba' iżda ma tafx kif saru dawn l-feriti.

---

[10] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2022.

**Elton Buckingham, l-imputat**, fil-verżjoni mogħtija minnu għall-fini tar-rapport 9/POL/5388/2022 li kien għamel flimkien ma' martu fid-19 ta' Awwissu 2022, qal li meta huma raw li l-mara li kienet miexja bil-kelb ma waqfitx tiġbor il-ħmieġ tal-kelb tagħha, fil-pront martu bdiet timxi wara din il-mara u bdiet tgħidilha "*pick it up*" u mbagħad sema' ħafna għajjat u twerżiq u ħareġ mill-garaxx biex jara x'qed jiġri. Għażel li ma jkomplix jagħti l-verżjoni tiegħu f'dan l-istadju u in segwitu, fil-25 ta' Awwissu 2022, irrilaxxa stqarrija formali waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Ispettur Robert Vella u s-Superintendent Graziella Muscat.

**Fl-istqarrija rilaxxata minn Elton Buckingham meta ġie interrogat fil-25 ta' Awwissu 2022**, huwa reġa' spjega li l-mara li kienet miexja bil-kelb tagħha, waqfet quddiem ir-rampa tal-garaxx waqt li kien ser joħroġ il-karozza mill-garaxx minn quddiem fejn il-kelb għamel il-bżonnijiet tiegħu iżda l-mara baqgħet sejra mingħajr ma ġabret il-ħmieġ. Martu ħarġet mill-garaxxa u marret warajha biex twaqqafha u stqarr illi "*... kif hrigt il-karozza, nofsha fuq ir-rampa u nofsha fuq il-bankina, jien smajt xeba għajjat, tfejt il-karozza, tellajt l-handbrake u ngranajtha u mort nara x'gara. Kif wasalt hdejhom Denise qaltli ara x'ghamlitli u kulma rajt demm fuq subghajha u ma ergajtx harist ghax jien nibza mid-demm, jdejjaqni u fl-istess hin Denise qaltli din kesksitli l-kelb. Jien min-naha tieghi din ġiet tghajjat f'wicci u ma bdejtx nifhimha, li niftakar kliem 'Puta' u 'Madre' biss niftakar. Kif ġiet ma wicci jien ressaqtha u ghidt lill-mara, imxi ghax ma rridx nfotti s-servizz għal dic-cuc. ..... dakinhar stess jien cempilt l-Ghassa ta' Birkirkara u staqsejt biex nkellem Surgent u qaluli wiehed qieghed l-festa u iehor kien fuq xi inċident. Jien ghedtilhom jekk jigi xi hadd jagħmel rapport fuq dan li gara jghiduli halli jiena nkun nista' nghamel ir-rapport tieghi, kif fil-fatt ghamilt l-ghada...*"

L-imputat fl-istqarrija ċaħad illi kien ta lil din il-mara bil-ponn u meta ġie mistoqsi jekk kienx taha bis-sieq, wieġeb "*ma jidhirlix dak il-hin*". Iżda qal li l-mara ressaqha b'idejh u dak il-hin waqgħetilha *ear pod* u niżlilha n-nuċċali. Qal illi ma kienx ra x'ġara bejn martu u l-mara l-oħra għaliex kien għadu fil-garaxx iżda martu qaltlu li kienet keskitilha l-kelb u kien ra d-demm f'subagħjha.

**L-imputat Elton Buckingham** għażel li jixhed quddiem il-Qorti, fejn spjega kif flimkien ma' martu kienu ser iħallu darhom biex imorru jiġbru lit-tifel tagħhom. Hu kien fil-vettura ħiereġ mill-garaxx u kif martu kienet ser tirkeb fiha raw mara li waqfet quddiem il-garaxx b'kelb li ħammeġ quddiem il-garaxx u ma ġabritux. Martu ħarġet mill-vettura mid-drive way u marret wara din il-mara biex tgħidilha tiġbru. Hu baqa' fil-vettura li kienet nofsha fuq ir-rampa u nofsha fuq il-bankina sakemm martu telqet warajha bil-mixi. Wara xi ħin sema' lill-mara targumenta u mar jara x'gara. Dawn kienu wara l-kantuniera fejn mid-dar tiegħu kien hemm ftit tul mhux ħażin għal fejn wasslu n-nisa li semagħhom joffendu lil xulxin. Kif wasal fuq il-post martu wrietu li kellha xi dmija f'subgħajha li skond hi kien riżultat tal-fatt illi l-mara keskset il-kelb għaliha. Din il-mara bdiet tgħajjat f'wiċċu "*Your Wife, Your wife*" u "*Jien dak il-ħin ressaqtha hu. ... b'idejja, b'idejja [il-leminija] ...b'id wahda...*". Waqalha in-nuċċali "*x'ħin jien ressaqtha, u waqgħatilha ear pod waħda, hi ma waqqgħetx jew hekk jiġifieri, ġabrithom*" u qal lil martu biex jitilqu 'l hemm.

Xehed illi din il-mara "*Baqgħet ġejja warajna u tkellem ħażin lill-mara; jien fl-ebda ħin ma kellimtha ħażin jiġifieri għax jien l-argument mhux miegħi kien, at the end of the day, u baqgħet ġejja warajna, u li innutajt x'ħin ħarist warajja, għax jiena dak il-ħin anke li ġiet ma' wiċċi, bil-kelb kienet, ma ridtx naqla' xi gidma ta' kelb, u din bil-dan, u indunajt li qed tieħu bil-camera tagħha għax kellha l-flash light mixgħula tal-mobile. .... Jiena f'dak il-ħin dħalt fil-karozza, dħalt fil-karozza tiegħi, il-mara, għax fl-istess frattemp waslu l-kunjati, il-kunjatu niżżel lill-kunjata quddiem id-dar, jiġifieri ħdejn il-karozza fejn kienet tagħna biex tidħol u hu mar jipparkja, u dak il-ħin il-mara bdiet tgħid lil ommha biex tidħol ġewwa ..... ġiet mill-ġenb tal-karozza, bdiet tieħu ritratti jew video, .... u bdiet tieħu fuq quddiem tal-karozza, ....u niżlitli fir-rampa tal-garaxx u dak il-ħin jiena qbadt ir-remote u bdejt nagħlqu....Il-garaxx, biex ma tidħollix fil-garaxx.*"

Xehed illi mbagħad kien ċempel l-Għassa fejn ingħata parir jagħmel rapport iżda peress li l-għada kien 'off' iddeċieda jagħmlu l-għada, fejn l-għada filgħodu, kif ħareġ

mill-bieb, sab il-Pulizija li ġabru xi cameras u mar jagħmel rapport. Filgħaxija sar jaf li kien sar rapport fil-konfront tiegħu u xehed illi huwa baqa' ixxukkjat għaliex issemma li kien tajjar u aggredixxa lil din il-mara. Huwa ċaħad illi f'xi ħin din il-mara tatu darha jew li taha daqqa ta' sieq iżda li għamel kien biss li b'id ċatta ressaqha meta ġiet "*frontal mieghi, tghajjat..... kif ġiet kienet, wiċċ imb'wiċċ ġejna għax hi l-istess tul tiegħi kienet, jiena biex inressaqha bilfors b'idejja rrid nimbuttaha.*". L-imputat innega li meta għamel din il-manuvra huwa uża xi forza għax kieku l-mara kienet taqa' mal-art u żied jgħid illi l-unika manuvra li għamilt kienet illi: *"...bil-karozza li ħriġt mir-rampa, hi ma kienitx quddiem il-karozza ovvjament, baqgħet fuq il-bankina mbagħad u x'ħin ġejt fil-kisra biex nitla għall-bridge, irriversjajt biex inkompli nitla' 'l fuq, dan f'nofs it-triq, ir-reverse; biex qlajt ovvjament mir-rampa, nofsha r-rampa nofsha l-bankina bil-quddiem qlajt.*"

In kontro-eżami l-imputat ikkonferma li lill-mara waqagħlha wieħed mill-air pods iżda mhux in-nuċċali u saħaq ukoll li meta messha bil-pala ta' idejh dan ma kienx lejn wiċċha iżda aktar 'l isfel.

Ir-*recording* tat-telefonata li għamel l-imputat lill-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fit-18 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta bejn 7.15 p.m. u 7.45 p.m.[11] fejn weġbitu l-Orderly PC 207 Cherise Caruana, ġiet esebita fl-atti u ġiet esebita wkoll traskrizzjoni ta' din it-telefonata.[12]

**Denise Buckingham** fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti spjegat kif fil-jum in kwistjoni rat mara tħalli l-kelb tagħha jħammeġ quddiem darha mingħajr ma ġabritu iżda hekk kif din injoratha, marret warajha tilħaqha u qabditha minn spallejjha. Din bdiet tghajjarha u tagħmel ġesti oxxeni u hi rrejaġixxiet bl-istess mod. Dak il-ħin mar l-imputat fuqha u qalilha biex jitilqu minn fuq il-post. Indunat li kellha dmija fuq is-swaba' ta' saqajha iżda fl-ebda ħin ma rat jew ħasset il-kelb jigdimha għalkemm

---

[11] Call recording tat-telefonata fid-19 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta ta' bejn is-7.15 p.m. u t-7.45 p.m., esebit minn PC 148 Matthew Tonna, paġna 99 tal-atti tal-kawża.

[12] Traskrizzjoni Dok. GM3, paġna 20 u 21 tal-atti tal-kawża. Id-difiża ma qanqlet ebda oġġezzjoni li din it-traskrizzjoni m'hijiex akkurata jew fidili għall-kontenut tat-telefonata.

issemmi li Drummond kesksitilha l-kelb għaliex din ħalliet il-leash loose. Meta bdiet tgħajjat ma żewġha "*Elton ressaqha... B'idejh mela...*" u b'konsegwenza waqgħetilha l-airpod. Wara li Elton ressaq lil din il-mara, huma bdew mixjin 'l hemm u Drummond bdiet miexja għal warajhom. Tisħaq li wara li żewġha ċarrat ligament f'siequ jimxi bil-limitatazzjonijiet tiegħu u ma jistax jagħmel ħinijiet twal bil-wieqfa.

Denise Buckingham xehdet ukoll illi hi kienet qabbdet lill-mara l-oħra minn spallejha minn wara għaliex injoratha u baqgħet miexja għalkemm qaltilha darbtejn biex tiħbor il-ħmieġ tal-kelb. Xehdet ukoll illi l-bdiet tagħmlilha sinjali oxxeni b'subagħjha u bdew jikkonfrontaw lil xulxin u bdew jgħatju. Qalet li l-parti offiza bdiet tgħajjat mar-raġel tagħha wkoll meta ġie viċin u hu ressaqha b'idejh "*x'imkien bejn ic-chest u l-istomach*"[13] u x'ħin għamel hekk wieħed mill-earpods li kellha f'widnejha waqgħet u mbagħad ir-raġel beda jgħidilha biex jitilqu 'l hemm u mxew lura lejn il-karozzza

Ikkunsidrat;

Evidentement, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li huma indubbjament kunfliġġenti in kwantu għal dak li attwalment seħħ bejn l-imputat u Viviane Oliveira Drummond. Il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat ta żewġ daqqiet lill-parti offiża meta daret biex titlaq minn fuq il-post tal-konfront – daqqa ta' sieq fuq il-warrani tagħha u oħra fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha - u pprova wkoll isuq għal fuqha meta marret tiġbed ritratti tal-pjanċa tar-registrazzjoni tal-karozza tiegħu.

Da parti tagħha id-difiza ssostni li l-imputat kien biss ressaq lill-parti offiża lura b'idejh għaliex kienet qed tgħajjat f'wiċċu, u fl-ebda ħin ma taha xi daqqiet kif allegat, wisq anqas ikkaġunalha xi offiża volontarja.

Għandu jingħad li mhux ftit huma dawk il-każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti,

---

[13] Ara xhieda f'paġna 186 tal-atti tal-kawża.

kif diġa' ngħad, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[14], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[15] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

[14] Deciza 9.7.2003.
[15] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

**Applikat dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, il-Qorti wara li fliet it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u l-atti u l-provi l-oħra kollha ma għandha ebda eżitazzjoni biex tikkonkludi illi għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-parti offiża, mhux biss għaliex kienet dejjem konsistenti minkejja li tat il-verżjoni tagħha f'xejn inqas minn tliet okkażjonijiet separati, talli din il-verżjoni hija korroborata mill-provi l-oħra proċesswali. Din il-konklużjoni hi rinforzata ulterjorment meta wieħed iqis il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputat u bejn din il-verżjoni tiegħu u r-riżultanzi tal-provi.**

Il-Qorti tibda biex tosserva illi tinsab imħassba dwar il-fatt illi l-imputat ma rrapportax l-inċident lill-Pulizija minnufih jew talanqas dakinhar stess tal-inċident. Huwa minnu li kien ċempel l-Għassa ta' Birkirkara dakinhar stess tal-inċident fis-7.30 pm. iżda huwa evidenti li ma kienx ċempel biex jagħmel rapport, għalkemm kien ġie mogħti parir mill-Orderly li ħadet it-telefonata, biex jagħmel dan. Fil-fatt, mit-telefonata li r-recording tagħha ġiet esebita fl-atti, jirriżulta li l-imputat ċempel l-Għassa biss għaliex ried ikun jaf jekk kienx diġa' sar rapport mill-persuna li magħha kellu l-argoment u jekk le, biex jiġi infurmat x'ħin isir xi rapport min-naħa tagħha ħalli jagħti l-verżjoni tiegħu. L-imputat dam sal-għada filgħodu għall-ħabta tal-11.15 a.m. biex jagħmel rapport dwar l-inċident, u dan sar biss wara li kien inzerta lill-Pulizija ħdejn ir-residenza tieghu meta kienu ġew biex jinvestigaw għall-preżenza ta' CCTV cameras.

Miżmum ferm il-fatt illi l-verżjoni tal-imputat u ta' martu hi li l-parti offiża għajrithom bi kliem oxxen, gerrxet il-kelb tagħha għal martu li kienet weġġgħet fil-kommossjoni, u baqgħet ma ġabritx il-ħmieġ tal-kelb tagħha mit-triq pubblika, li huwa reat kontravvenzjonali, il-Qorti kienet tistenna li rapport dwar l-inċident isir minnufih jew fl-ewwel opportunita', *multo magis* meta l-imputat bħala Spettur fil-Korp tal-Pulizija żgur ma kienx ser ikollu diffikolta' biex jagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija. Minflok, l-imputat, fl-istqarrija, qal li ma kienx għamel rapport peress li ma kienx jaf min kienet din il-mara.

**Iżda l-Qorti tqis illi allaħares wieħed kellu joqgħod jistenna sakemm jixkef l-identita' ta' xi persuna suspettata li għamlet reat, qabel jagħmel rapport lill-Pulizija għaliex jilħqu jintilfu t-traċċi tar-reat kif ukoll l-evidenza meħtieġa għall-investigazzjonijiet**. **Fuq kollox, l-imputat huwa Spettur tal-Pulizija li xogħolu sewwasew jinvestiga r-reati u jikxef l-identita' tal-perpetratur ta' reati kriminali, ħaġa li madankollu huwa baqa' ma għamilx f'dan il-każ, u dan b'kuntrast mal-parti offiża li, għad illi ma kienetx taf min kienu l-aggressuri tagħha, xorta waħda għamlet dak li kien mistenni minn persuna li kienet ġiet aggredita u mgħajra minn persuna oħra, ċioe' fittxet l-evidenza u għamlet rapport lill-Pulizija tempestivament.**

Il-Qorti tqis ukoll li l-verżjoni tal-imputat illi huwa kien biss "*ressaq*" lill-parti offiża lura b'idu ċatt għaliex kienet qiegħda tgħajjat f'wiċċu, bħala inverosimili anke għaliex il-verżjoni fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tikkuntrasta ferm ma' dak li qal lill-Orderly meta ċempel l-Għassa biss ftit tal-ħin wara l-inċident. F'din it-telefonata l-imputat qal li l-mara l-oħra ġiet tagħmel għalih u: "***Jien kull ma għamilt imbuttajtha minn wiċċha ovvja***. *Mhux ħa nħalliha tmissni.*" **Iżda fix-xhieda tiegħu ma qalx li l-parti offiża kienet ser tħebb għalih iżda qal biss li kienet qiegħda tgħajjat f'wiċċu**. Fil-fatt, xehed: "*Jien fl-ebda ħin, din m'għamiltli xejn lili"* u **insista li ma kienx imbottaha minn wiċċha. Innega wkoll li kien għamel il-pala ta' idejh f'nofs wiċċha: "*Le, no, definitely not*", iżda minn iktar 'l isfel** (*"Ma nistax nagħmel lejn il-wiċċ, ifhimni, l-ewwel nett kellha n-nuċċali f'wiċċha, I mean ma ridtx...*"). Iktar tard fil-kontro-ezami, indika minn fuq il-pedana tax-xhieda l-ispalla tiegħu bħala l-post fejn laqat lill-parti offiża u mbagħad qal illi jekk laqatha f'wiċċha, "*'l isfel żgur*". Denise Buckingham iżda, xehdet illi żewġha kien ressaqha b'idejh "*x'imkien bejn ic-chest u l-istomach*"[16].

Lil hinn minn dawn l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet kollha, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi kif jirriżulta anke *ex admissis* mix-xhieda tal-imputat u ta' martu, hekk kif huwa kien ressaq lill-parti offiża lura, kien waqagħlha l-earpod mal-art u n-

---

[16] Ara xhieda f'paġna 186 tal-atti tal-kawża.

nuċċali tagħha waqgħu 'l isfel iżda ma waqgħux mal-art. Għall-Qorti dan ifisser illi l-imputat ma kienx qed jixhed is-sewwa meta qal li ressaqha lura minn parti ta' ġisimha iktar 'l isfel minn wiċċha, u lanqas setgħet kienet qed tkun veritiera Denise Buckingham meta xehdet li żewġha ressaq lill-parti offiża lura minn bejn sidirha u l-istonku. Dan qed jingħad għaliex kieku l-imputat sempliċement ressaq lill-parti offiża lura minn spallitha jew sidirha jew x'imkien 'l isfel minn wiċċha, ma kienux jiċċaqalqu jew addirittura jaqgħu in-nuċċali u l-apparat li kellha f'widnejha. **Hu ovvju mhux biss illi d-daqqa kienet fil-viċinanzi tal-widna, ċioe' fir-ras, iżda wkoll illi l-parti offiża kienet b'daharha lejn l-imputat għaliex b'sempliċi imbottatura ħafifa minn quddiem viċin is-sider, ma jagħmel ebda sens loġiku li n-nuċċali tal-vittma jaqa' u l-apparat li kellha f'widnejha, jinqala'. Dan kollu jfisser ukoll illi d-daqqa li qalgħet mingħand l-imputat ġiet minn wara u waħda pjuttost b'saħħitha u mhux sempliċement imbottatura bil-pala tal-id**. Dan kollu jikkombaċċja perfettament mal-verżjoni tal-parti offiża fejn ripetutament qalet li qalgħet daqqa b'saħħitha fuq għonqha fuq wara lejn il-geddum, jiġifieri eżattament taħt il-widna.

L-inkonsistenza fil-verżjoni tal-imputat tkompli tispikka wkoll fil-fatt illi filwaqt li fl-istqarrija rilaxxata minnu biss ftit ġranet wara l-inċident, l-imputat kien qal li "*ma jidhirlix*" meta ġie mistoqsi kienx ta daqqa ta' sieq lill-parti offiża, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti diversi xhur wara l-inċident, ċaħad bla tlaqliq li kien taha daqqa ta' sieq – ċaħda li fil-fehma tal-Qorti ma tistax tittieħed b'daqshekk serjeta' meta mqabbla mal-inċertezza li l-imputat kien esprima inizzjalment fir-rigward.

Is-sinċerita' tal-verżjoni tal-parti offiża tinsilet ukoll mill-fatt illi hija marret biex tiġi eżaminata għall-ġrieħi li sofriet, immedjatament wara l-inċident mingħajr ma stenniet li joħroġilha xi tbenġila. Il-parti offiża eskludiet hija stess li in segwitu kien ħareġ tbengil fejn qalgħet id-daqqiet iżda sostnet li kienet muġugħa ħafna fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha u fil-geddum fuq wara naħa tal-lemin. Fil-fatt, it-tabiba li eżaminatha xehdet li ma riskontratx ġrieħi viżibbli fuq il-ġisem tal-pazzjenta iżda setgħet tiċċertifika li l-pazzjenta tassew kienet qed tħoss uġigħ f'għonqha għaliex il-

moviment fl-għonq kien limitat kif ukoll uġigħ fil-parti t'isfel ta' daharha fejn qalgħet id-daqqa. Ikkostatat ukoll li l-pazzjenta kienet fi stat ta' xokk u viżibbilment emozzjonata. Dr. Marica Axisa kkonfermat ukoll li ma kellhiex raġuni għalfejn tiddubita mill-pazzjent għaliex "*x'ħin eżaminajtha anke kienet qed tipprova tagħmel ċerti reżistenza ma kienetx kapaċi tagħmel kull movement ta' għonqha*"[17]. Dan l-uġigħ li ħasset il-parti offiża fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha u fil-parti t'isfel ta' daharha, kif ġie kostatat ukoll mit-tabib li invistaha minnufih wara l-inċident, huwa kompatibbli mal-verżjoni tagħha illi l-imputat taha daqqa ta' sieq fuq il-warrani tagħha kif ukoll daqqa fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha.

Dan kollu b'kuntrast mal-verżjoni ta' Denise Buckingham illi l-parti offiża keskitilha l-kelb u li l-kelb gidimha jew weġġagħha b'xi mod. Il-Qorti ma temminx din il-verżjoni: fil-fatt, meta l-imputat ċempel lill-Għassa tal-Pulizija ftit tal-ħin wara l-inċident, ma semma xejn rigward id-dmija li kellha l-mara, għalkemm in segwitu fl-istqarrija kien qal li ma jiflaħx jara d-demm: "*Kif wasalt hdejhom Denise qaltli ara x'ghamlitli u kulma rajt demm fuq subghajha u ma ergajtx harist ghax jien nibza mid-demm, jdejjaqni*". Kieku verament mart l-imputat weġġgħet f'dan l-inċident jew rat id-demm ħiereġ u ħasbet li l-kelb gidimha, il-Qorti tistenna li tmur tiċċertifika l-ferita li kellha fis-swaba' dak il-ħin u mhux toqgħod tistenna sal-għadha filgħaxija viċin is-7.00 p.m. biex tiġi eżaminata. Fil-fatt, fl-aħħar, Denise Buckingham stqarret li ma tafx kif ġie d-demm u ma kienex ħasset gidma meta ħalq ġie ħdejha.

Il-Qorti ma riskontrat ebda raġuni l-għala ma għandhiex tagħti fejda lill-verżjoni ta' Viviane Oliveira Drummond: kif ingħad, il-verżjoni tagħha, mogħtija diversi drabi, baqgħet waħda konsistenti u konfortata mill-fatti u diversament mill-imputat, fl-ebda waqt ma kkontradixxiet ruħha. Ma tara l-ebda raġuni lanqas l-għala l-parti offiża kellha tigdeb dwar l-aggressjoni da parti tal-imputat meta kienet stqarret mill-ewwel u bla tlaqliq illi kien ma' mart l-imputat li seħħ l-ewwel kuntatt fiżiku, ħaġa li hija affermata minn Denise Buckingham innifisha[18]. Miżmum ferm dan, il-Qorti ma tarax

---

[17] Xhieda ta' Dr. Marica Axisa, 8 ta' Novembru 2022.
[18] Xehdet "*jiena mxejt warajha u qbadtha minn wara*".

għaliex il-parti offiża kellha ddaħħal lill-imputat fix-xena intortament jekk mhux għaliex kien proprju hu li taha ż-żewġ daqqiet. Sinjifikanti wkoll il-fatt illi l-parti offiża dejjem insistiet illi kif meta qalgħet it-tieni daqqa minn wara, din setgħet ġiet biss mingħand l-imputat li kien l-uniku persuna viċin tagħha għaliex martu kienet 'il bogħod minnha dak il-ħin. Minn dan kollu huwa esklużż ukoll il-verżjoni tal-imputat illi huwa imbotta lill-parti offiża minn quddiem għaliex kienet marret warajhom u ġiet f'wiċċu tgħajjat – il-Qorti ma tqisx li din l-allegazzjoni hi sorretta mill-provi proċesswali, għall-kuntrarju, hi eskluża mill-fatt illi l-uġigħ li lmentat bih il-parti offiża minnufih wara l-inċident kien fuq in-naħa ta' wara ta' għonqha u fuq il-warrani.

Il-Qorti tirrimarka wkoll illi kieku tassew, kif xehed l-imputat, il-parti offiża daret lura u marret warajh tgħajjat f'wiċċu, kienet tilħaq tieħu r-ritratti tal-imputat dieħel fil-vettura. Iżda r-ritratti li ħadet evidentement ittieħdu wara trapass ta' ċertu ħin mill-kollutazzjoni għaliex l-imputat jidher li kien diġa' daħal fil-vettura u kien sejjer isuq, u Denise Buckingham kienet dieħla fil-karozza wara li *ex admissis*, l-ewwel kellha tgħin lil ommha tidħol ġewwa fid-dar. Għall-Qorti dan ifisser illi mhux verosimili illi wara l-konfront ma' Denise Buckingham, il-parti offiża, minflok ipprovat tkompli fi triqitha u titlaq minn fuq il-post, segwiethom u baqgħet tgħajjat f'wiċċ l-imputat.

Għaldaqstant il-Qorti temmen lill-parti offiża illi l-imputat aggrediha u kkaġunalha offiżi volontarji. Għalkemm l-attenwanti tal-provokazzjoni ma ġiex eċċepita mid-difiża, għall-kompletezza jingħad illi f'dan il-każ żgur ma jikkonkorrux l-estremi tal-provokazzjoni għaliex ma jirriżultax, lanqas sal-grad tal-probabbli, li l-imputat aġixxa minħabba saħna ta' demm għaliex kien taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis egħmilu. Fil-fatt, huwa esklużż mix-xhieda tal-imputat innifsu li l-parti offiża mhux talli ma għamlet ebda offiża fuq il-persuna tiegħu jew ta' martu iżda lanqas għamlet ebda mossa jew provokazzjoni ta' ebda xorta, li setgħet xprunat fih xi saħna tad-demm li wasslitu biex jirrejaġixxi bil-vjolenza fil-konfront tagħha. Skont l-imputat, hija kienet biss qiegħda tgħajjat f'wiċċu iżda diġa' ġie stabbilit li din l-asserzjoni

m'għandhiex mis-sewwa. F'kull każ, anke kieku għal mument il-Qorti kellha taċċetta li l-parti offiża kienet qiegħda tgħajjat f'wiċċ l-imputat, ma hijiex sodisfatta li dan jista' jikkostitwixxi provokazzjoni tal-kalibru li jġiegħel lil persuna raġjonevoli ta' temperament ordinarju mill-kapaċita' li jikkontrolla l-egħmilu.

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, l-offiżi subiti mill-parti offiża kienu ħfief għal dak li għandu x'jaqsam il-ġisem tagħha, u jirrientraw fil-paramretri tas-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 għaliex ma ġie riskontrat ebda tbenġil jew marki xort'oħra fuq ġisimha għajr għal uġigħ li ma jirriżultax mill-provi li baqa' jipersisti għal xi żmien sinjifikanti għaliex il-parti offiza fix-xhieda tagħha mkien ma qalet li baqgħet tbati bl-uġigħ. Tassew mill-provi jirriżulta illi b'effett tal-aggressjoni hija kienet viżibbilment ixxokkjata u reġgħet għaddiet minn dawn l-emozzjonijiet negattivi meta xehdet quddiem il-Qorti dwar l-inċident, iżda l-Qorti sejra tagħti lill-imputat il-benefiċċju tad-dubju għaliex mhux ippruvat kif imiss li kien hemm xi impatt morali fuq il-parti offiża li minħabba fih kellha tfittex xi għajnuna biex l-offiżi jitqiesu li kellhom effett moralment mhux ta' importanza żgħira.

Huwa minnu li jirriżulta illi l-parti offiża ħaditha ħażin u baqgħet tbati minn sens ta' biża' għall-inkolumita' personali tagħha minħabba l-inċident vjolenti mal-imputat, **iżda dawn l-effetti mhux marbutin mal-offiżi fihom infsuhom u l-fatt li kienet imwerwra żgur ma jfissirx illi allura l-offiżi kellhom effett morali mhux ta' importanza żgħira fuq il-vittma**. Il-liġi tesiġi li jkun **l-effett tal-offiżi nfushom** – u mhux l-esperjenża jew l-inċidenti b'mod ġenerali - li jkun ta' importanza żgħira kemm għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem u kemm ukoll moralment, biex l-offiżi jiġu meqjusa taħt is-subartikolu (3).

Għall-preċiżjoni għandu jingħad ukoll illi l-piena għar-reat taħt l-artikolu 221 tal-Kap. 9 m'hijiex determinata skont ix-xorta u jew is-saħħa tal-azzjoni li bih jkun ġie kommess ir-reat tal-offiża volontarja, iżda b'riferenza biss għall-**effetti tar-reat ċioe'**

**n-natura tal-offiża riżultanti**. Għalhekk il-fatt illi l-parti offiża ntlaqtet minn daqqiet li nħassu li kienu b'saħħithom, ma jfissirx li l-offiża ma tistax tirrientrax taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 221(3) tal-Kap. 9.

Is-sejbien ta' ħtija għar-reat fl-ewwel imputazzjoni jfisser neċessarjament li l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie mixli li kkawża lil Viviane Oliveira Drummond biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet .

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'hijiex qed tixli lill-imputat ir-reat taht l-artikolu 251B tal-Kap. 9, li jipprospetta bhala element kostituttiv tieghu, imġieba ripetuta konsistenti f'*a course of conduct*, iżda bir-reat taħt l-artikolu 251(3) tal-Kap. 9. Fil-kaz tar-reat taħt l-artikolu 251(3) tal-Kap. 9, jeħtieġ biss li jkun hemm att materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza li tkun effettivament ikkaġunat lis-soġġett passiv tar-reat jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tiegħu jew tal-persuni elenkati. Diversament mir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 li jirrikjedi kondotta jew imġieba ripetuta intiża li tqanqal biża' f'kull waħda mill-okkazzjonijiet li din l-imgieba sseħħ, din il-kondotta ripetuta m'hijiex fost l-element tar-reat addebitat lill-imputat, iżda f'kull każ irid jigi ppruvat illi l-imputat kellu l-*mens rea* li jikkaġuna biża' fis-soġġett passiv li ser tintuża vjolenza fuq il-persuna jew il-proprjeta` tieghu. Għandu jingħad ukoll illi l-ligi ma tiddefinixxix u lanqas tillimita l-mezzi li bihom tiġi kkaġunata l-biża' ta' vjolenza. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tiġi deżunta wkoll oġġettivament mic-cirkostanzi partikolari tal-każ fejn dawn inisslu inferenza ta'

fatt li l-att huwa kalkolat li joħloq allarm u biża' f'dik il-persuna dwar l-użu ta' vjolenza.

Applikat dan għall-każ in diżamina, hija biżżejjed il-prova fil-grad li teħtieġ il-liġi, li l-imputat f'okkażżjoni waħdanija b'kull mezz li jkun - basta jintwera li aġixxa deliberatament u bl-intenzjoni li jikkaġuna il-biża' rikjesta - wettaq att materjali li qanqal biża' fil-parti offiża, li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha. Jehtieg ukoll li l-Qorti tkun moralment konvinta illi Viviane Drummond effettivament beżgħet li ser tintuza vjolenza kontriha.

Dan premess, il-Qorti ma taqbilx illi l-elementi ta' dan ir-reat isibu riskontru f'dawk l-istanzi tal-inċident fejn l-imputat ta daqqa lill-parti offiża fuq għonqha u mbagħad taha daqqa b'siequ fuq il-warrani tagħha. Dan qed jingħad għaliex f'dawk iż-żewġ okkażjonijiet il-parti offiża kellha daharha lejh u kienet bi ħsiebha tibqa' sejra minn fuq il-post u ma jirriżultax li kienet qiegħda tistenna li taqla' daqqa wisq inqas it-tieni daqqa. Għaldaqstant, f'dawk l-azzjonijiet istantanji u mhux mistennija, mhux riskontrabbli l-prova li l-imputat għamel xi azzjoni li nissel fil-parti offiża l-biża' li ser ikun vjolenti fil-konfront tagħha.

Imbagħad, hemm l-episodju fejn l-imputat irriversja fid-direzzjoni tagħha meta kienet wara l-karozza qiegħda tipprova tieħu ritratti tat-targa tal-karozza. Kif diġa' ngħad, jeħtieġ li jiġi ppruvat li l-azzjoni fiha nnifisha kienet kapaċi tqanqal, jew effettivament qanqlet, biża' jew ħolqot allarm fis-soġġett passiv tar-reat dwar l-użu tal-vjolenza fil-konfront tagħha jew il-proprjeta' tagħha. Il-Qorti għalhekk trid tkun moralment konvinta tal-element soġġettiv ta' biża' fil-vittma, ċioe' li l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba l-azzjoni tal-imputat.

Il-vittma xehdet illi hekk kif kienet wara l-karozza tiegħu tipprova tiġbed ritratt tal-pjanċa bin-numru ta' reġistrazzjoni, l-imputat daħħal il-karozza bir-reverse u beda miexi b'lura. Mill-provi jirriżulta illi kif il-parti offiża waslet viċin il-karozza, din

kienet diġa' startjata u kienet ħarġet diġa' mill-garaxx tant illi kienet nofsha fuq ir-rampa tal-bankina u nofsha fit-triq, kif del resto jidher fir-ritratti f'paġna 16 u paġna 15 tal-atti. Iżda fuq kollox, mix-xhieda tiegħu stess jirriżulta illi l-imputat kien jaf li l-parti offiza kienet qed tieħu ritratti tal-karozza tiegħu: fil-fatt, mistoqsi għaliex saq b'lura, wieġeb "*Irriversjajt biex inkompli tiela' 'l fuq*". Denise Buckingham ukoll ikkonfermat illi hi kienet taf li l-parti offiża kienet wara l-karozza tagħhom qed tieħu ritratti u qalet illi kif ħarġet minn wara l-karozza, saqu u telqu fid-direzzjoni lejn il-pont fuq il-lemin u żewġha saq "*normali*".

Il-Qorti m'hijiex konvinta illi meta ġie biex joħroġ għat-triq mir-rampa, l-imputat bil-fors kellu jirriversja l-karozza biex jista' jdur fid-direzzjoni lejn il-pont ċioe' fuq il-lemin, għaliex evidentement, it-triq quddiem il-garaxx tiegħu, Triq il-Linja, hija waħda ferm wiesa'[19] u żgur m'huwiex verosimili li wieħed irid jimxi b'lura biex jipponta l-karozza fid-direzzjoni lejn il-lemin biex jista' jibqa' ħiereġ mill-garaxx lejn id-direzzjoni msemmija. Fil-fatt, fix-xhieda tagħha Denise Buckingham ma semmietx li żewġha għamel xi manuvra meta ġie biex idur fid-direzzjoni tal-pont għalkemm ġiet mistoqsija speċifikatament dwar x'manuvra għamel dak il-ħin u fl-ebda waqt ma qalet li rriversja lura biex seta' joħroġ mir-rampa.

**Iżda fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi m'hemm xejn fix-xhieda tal-parti offiża li turi li din il-manuvra da parti tal-imputat nisslet fiha l-biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha, u ċ-ċirkostanzi oġġettivi li joħorġu mill-provi ma jagħmlu xejn biex isawru prova tal-eżistenza tal-element soġġettiv ta' biża' li kif rajna, huwa meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat.**

Fil-fatt, il-parti offiża f'ebda mument ma qalet li hija beżgħet mill-imputat dak il-ħin jew li din l-azzjoni tiegħu qanqlet fiha xi sensazzjoni ta' biża', ansjeta' jew allarm li l-imputat ser juża vjolenza kontriha. Meta Viviane Drummond irrapportat l-inċident lill-Pulizija biss ftit tal-ħin wara li kien seħħ, hija fl-ebda waqt ma rapportat li kienet beżgħet dak il-ħin li l-imputat kien ser iweġġagħha u li beżgħet għall-inkolumita'

[19] Ara ritratti Dok. EB1, paġna 156.

tagħha. Kemm hu hekk, hija kienet irrapportat li għalkemm ix-xufier irriversja lura biex jolqotha ("*When I went in the back of the car the car was stationery but when I went on the back of the case the driver immediately reversed on me to hit me with his car*"), fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, qalet hekk:- "*So I took the picture and I saw, I can see the plates and then I saw the light, the reverse lights lighting ... switch on and moving forward in my direction ... then I went out of the way and the man, the car go away".* Għalkemm tassew kienet fi stat aġitat wara l-inċident u dehret trawmatizzata, ma hemmx xejn x'juri li dan l-istat kien ixprunat biss jew ukoll mill-episodju tal-karozza u mhux mit-totalita' tal-inċident inkluż il-konfront ma' mart l-imputat u l-fatt li ġiet aggredita mill-imputat li kien taha żewġ daqqiet u weġġagħha.

Barra dan għandu jingħad ukoll illi filwaqt illi kif ġia' stabbilit, il-Qorti hi sodisfatta - għaliex hu stabbilit mill-provi - li l-imputat kien konxju tal-fatt illi l-parti offiża kienet wara l-vettura tiegħu meta rriversja, m'hijiex konvinta illi għamel din il-mossa bil-ħsieb pożittiv li juża l-vjolenza kontriha u jolqotha u mhux sempliċement biex jipprova jġiegħlha twarrab min-nofs biex ma tibqax tieħu ritratti tal-vettura. Ukoll, għalkemm il-vittma kienet irrapportat lill-Pulizija li l-imputat irriversja lura fil-pront biex jolqotha, ma hemm assolutament xejn fil-provi li jistabbilixxi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li din kienet tassew l-intenzjoni tiegħu. Il-parti offiża qatt ma xehdet illi l-imputat irriversja f'salt jew b'xi qies ta' veloċita', f'liema każ seta' jinġibed inferenza ta' intenzjoni pożittiva da parti tiegħu li jolqotha u jweġġagħha, u fil-provi ma hemm xejn x'juri lanqas illi l-imputat baqa' jirriversja b'mod illi kieku l-parti offiża ma ressqitx min-nofs kienet tintlaqat bil-karozza.

Għalhekk, kollox magħdud, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li ġie ppruvat kif imiss l-element tal-biża' fil-parti offiża li b'din il-manuvra kien sejjer jintuża vjolenza kontriha u lanqas tirravviża f'din l-azzjoni tal-imputat l-estremi tal-aġir meħtieġ għar-reita' taħt l-artikolu 251(3) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-parti offiża kienet ċara u konsistenti fix-xhieda tagħha illi l-imputat għajjarha bil-kliem "*you are a bitch, fuck you the same bad language*". M'hemmx wisq dubju illi fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-animu manifestat mill-imputat u minn martu dak il-ħin fil-konfront tal-parti leża, dan il-kliem - li huwa inerentement inġurjuż - intqal ukoll bil-ħsieb li jinġurja u jinsulenta lil Viviane Oliveira Drummond. Għaldaqstant, l-imputat ser jinstab ħati wkoll tar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi ġie addebitat ukoll ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Din il-kontravvenzjoni hija dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace*'. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio Galea**[20], fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Imbagħad, iktar riċentement, fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[21] , l-istess Qorti reġgħet trattat l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a*

[20] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.
[21] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*breach of the peace"* . *Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm* ***ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil***. (emfasi ta' din il-Qorti)[22]

Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, fejn diġa' ġie stabbilit li l-imputat ħebb għal Viviane Oliveira Drummond fi triq pubblika u insulentaha, oltre li kien qed jgħajjat u taha wkoll xi daqqiet, bla dubju qanqal fiha tħassib għall-inkolumita' personali tagħha, u jirriżulta wkoll illi kien hemm nies miġbura fit-triq li ħarġu għaliex semgħu l-għajjat, il-Qorti tqis li dan l-aġir aggressiv tal-imputat kien tal-kalibru li kiser il-paċi u l-buon ordni pubblika. Għaldaqstant, għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9 li jipprovdi:

---

[22] Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:- *"Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently,* ***we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'*** *(p.182)."* (emfasi ta' din il-Qorti)

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad*".

Mix-xhieda ta' PC2227 Barbara Ann Pace u l-Ittra ta' Dikjarazzjoni esebita minnha (Dok. BP), jirriżulta illi l-imputat Elton Buckingham huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u kien membru tal-Korp fil-ġurnata tal-inċident, 18 ta' Awwissu 2022.

L-artikolu 92 tal-Kap. 9 li nsibuh taħt is-Sub-Titolu II intestat '*Fuq l-Inġurji u Vjolenza kontra Uffiċjali Pubbliċi*', dejjem taħt il-kappa ta' delitti kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra, jiddisponi li taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, fost il-persuni l-oħra kollha li jkunu maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra. Indiskutibbilment, il-Korp tal-Pulizija hu awtorita' ċivili kostitwita bis-saħħa tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Mata[23] li tifforma parti mill-awtorita' eżekuttiva tal-Istat u għalhekk, uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija huma meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi.

M'huwiex kontestat illi l-imputat ma kienx, meta wettaq ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal tal-Pulizija jew dmirijiet uffiċjali jew marbutin mal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu. Madanakollu, l-interpretazzjoni paċifika fil-ġurisprudenza in materja tal-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali hi fis-sens illi l-piena għandha tiġi miżjuda f'kull każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku jinstab ħati ta' kull reat minbarra r-reati li wieħed mill-elementi materjali kostituttiv tagħhom hu l-karattru ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku tal-aġent tar-reat. Korollari ta' dan hu l-fatt illi meta kull reat ieħor minbarra dawk

[23] Kap. 164 – L-Att dwar il-Pulizija.

appena msemmija, jiġi mwettaq minn uffiċjal pubbliku li "*kellu jissorvelja biex* (ir-reat) *ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi"*, il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu in materja tal-artikolu 141 tal-Kap. 9, jgħid hekk:-

"*Thus, the members of the Police Force whose duty, by law, it is to prevent offences and to provide for their punishment, if they render themselves guilty of* <u>*any*</u> *offence, they cannot escape this aggravation in punishment. Similarly,* ***other public officers in respect of specific offences which they are appointed to prevent or repress****, as for instance, Customs guards or officers in regard to Customs offience. Nor is it necessary to inquire whether the offence is commited by the public officer or servant 'in the discharge of his duties'. This is not required by the law ...*"

Għaldaqstant, l-artikolu 141 tal-Kap. 9 isib riskontru fil-każ in diżamina u l-piena fuq sejbien ta' ħtija tar-reati li dwarhom qiegħda tinstab ħtija, għandha tiżdied bi grad.

**<u>Piena</u>**

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-liġi diġa' taħseb għal żieda mandatorja fil-piena ta' grad meta l-persuna li tinstab ħatja ta' reat huwa uffiċjal pubbliku bħalma hu l-imputat odjern u għalhekk il-Qorti ma tistax wara li tapplika ż-żieda mandatorja fil-piena, xorta waħda ġġiegħel lill-ħati li huwa uffiċjal pubbliku, jħallas għal egħmilu iktar milli dan jiswa billi tqis ir-reati li dwarhom ikun instab ħati bħala reati iktar serji u jew teskludi l-applikazzjoni ta' ċertu xorta ta' sanzjoni jew tapplika piena iktar aggravata minħabba l-pożizzjoni pubblika tiegħu.

Huwa minnu illi l-imputat qatt ma wera l-ebda sogħba għal egħmilu iżda l-Qorti tosserva li l-inċident kellu impatt ħażin fuq il-qagħda emozzjonali tiegħu li jista' jkun ukoll dovut għall-konsegwenzi potenzjali ta' sejbien ta' ħtija fuq il-karriera twila u pożittiva tiegħu fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti temmen illi filwaqt li indubbjament, l-

inċident safejn kien involut l-imputat, eskala żżejjed u wera imġieba aggressiva li kienet kompletament barra minn lokha, l-intervent tiegħu kien imqanqal mill-kommossjoni li kienet għaddejja bejn martu u l-parti offiża b'ħafna għajjat u twerżiq fejn martu allegat li l-kelb kien weġġagħha fil-kommossjoni. Xejn ma jiġġustifika l-azzjonijiet tal-imputat li kienu xejn ħlief gratuwiti, indinjitużi u ta' għajb kbir għal Spettur tal-Korp tal-Pulizija għaliex bħala persuna istruwita fit-trażżin tal-użu tal-forza u wkoll persuna li kien fi dmiru jipprevjeni li jsiru reati kriminali u li tintuża l-vjolenza, u mhux ikun vjolenti huwa stess, messu kien jaf ferm aħjar u messu eżerċita l-kontroll meħtieġ u jagħmel minn kollox biex ma jassaltax lill-parti offiża. Iżda fl-istess waqt, il-Qorti tqis illi dan it-telf tal-kontroll f'inċident iżolat ma jimmeritax li jiġi punit bil-piena ta' priġunerija anke tenut kont tan-natura ħafifa tal-offiżi li kif diġa' ġie stabbilit, jirrientraw fl-iskop tal-artikolu 221(3) tal-Kap. 9.

Inoltre, skont kif ġie sottomess mill-partijiet kollha fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, dan l-aġir mhux konformi mal-karattru tal-ħati li għandu kondotta netta kif ukoll rekord ta' servizz impekkabbli, magħdud dan il-fatt illi l-inċident kien evidentement ixprunat mill-frustrazzjoni tal-familja Buckingham li ripetutament tħabbat wiċċcha mal-egħmil ta' dawk il-persuni bla rispett u nuqqas ta' sens ta' ċivilta' u buonviċinat, li jaħsbuhiex darbtejn iħammġu t-triq quddiem ir-residenza tagħhom. Fl-istess waqt, jidher li l-imputat jeħtieġ li jingħata għajnuna biex jikkontrolla u jimmaniġġja l-emozzjonijiet negattivi tiegħu, ħaġa li hija fondamentali jekk irid ikompli jagħti servizz tant importanti lill-komunita'. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, il-Qorti tqis illi jikkonkorru r-rekwiżiti kollha maħsuba mil-liġi għall-applikazzjoni ta' sanzjoni fil-komunita' u li l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation ikun adatt.

Iżda billi l-parti offiża baqgħet tbati minn sens ta' biża' għall-inkolumita' personali tagħha u beżgħet li terġa' tiġi aggredita mill-koppja Buckingham, il-Qorti sejra tilqa' għal dawn l-effetti konsegwenzjali tal-aggressjoni billi tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għaż-zmien massimu li tagħti l-liġi anke billi jidher li l-partijiet jirrisjedu fl-istess akkwati.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 17, 31, 92, 141, 214, 215, 221(3), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e), issib lil ELTON BUCKINGHAM ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Viviana Oliveira Drummond għal żmien tliet (3) snin.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**